# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 29/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Rupert Busuttil**
**Carmelo Borg**
**Marvin Debono**
**Paul Azzopardi**

Illum 10 ta' Diċembru 2024

Il-Qorti,

Rat reġgħet rat ir-Rikors tal-akkużat ossia r-rikorrent **Rupert Busuttil** (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 424874(M)) (*a fol.* 63 *et seq.*) ippreżentat fis-26 ta' April 2024 fejn talab is-segwenti:

*"Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet su riferiti, għal dawk ir-raġunijiet kollha li jistgħu talvolta jirriżultaw matul is-smigħ ta' dan ir-rikors, u fid-dawl ta' sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu waqt*

*it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna li dawn il-proċeduri jiġu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-esponenti jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u dan salv kwalsiasi konsiderazzjoni oħra li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel fil-ġudizzju għaqli u superjuri tagħha."*

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 68) fejn ordnat in-notifika tar-Rikors promutur lill-Avukat Ġenerali li ngħata żmien sabiex jippreżenta r-Risposta tiegħu.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2024 (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn oġġezzjona għat-talba kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024, is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-Rikors promutur ir-rikorrent Rupert Busuttil jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna illi l-każ tiegħu jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan *ai termini* ta' Artikolu 22(2A)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jisħaq li fl-operazzjoni li wasslet għal każ odjern ma kienet involuta l-ebda sustanza illegali stante li l-pakketti li nstabu fil-vettura ma kienux ta' sustanza kkontrollata bil-liġi u konsegwentement la s-sustanza ma kinitx droga ma setgħetx tikkawża ħsara. Dwar il-ħsara jgħid li tenut kont il-fatt li l-pakketti misjuba ma kellhomx sustanza kontrollata l-purita' għandha timmilita a favur tiegħu meta jitqies liema Qorti għandha tiddeċiedi l-każ. Dwar l-allegat rwol tiegħu, ir-rikorrent Busuttil jargumenta li tali rwol kien limitat billi huwa kellu jmur bil-vettura fejn kellha tinħatt is-sustanza in kwistjoni. Ikompli li huwa kellu jgħin fit-trasbord tal-prodott u sussegwentement huwa saq il-vettura fejn twaqqaf u ġie arrestat mill-Pulizija. Jgħid

li għalhekk huwa kellu rwol limitat u aġixxa taħt direzzjoni ta' ħaddieħor. Jispjega li huwa lanqas kellu għarfien dwar il-kobor *o meno* tal-operazzjoni u lanqas ma għamel xi gwadann finanzjarju. Jargumenta li fil-konfront tiegħu mkien fl-atti proċesswali ma jidher li huwa organizza traffikar ta' droga fuq skala kummerċjali jew li kellu xi konnessjoni mill-qrib mas-sors oriġinali tad-droga jew li kellu xi aspettattiva ta' qligħ finanzjarju. Jisħaq li lanqas jirriżulta li kellu rwol operattiv fuq iċ-ċirku jew li eżerċita pressjoni fuq xi ħadd jew li forna droga lill-priġunier għal gwadann. Jgħid li lanqas hemm ċirkustanzi li juru natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga

Illi l-Avukat Ġenerali jopponi għat-talba tar-rikorrent Rupert Busuttil. Huwa jagħmel riferenza għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u jgħid li r-reat li huwa mixli bih ir-rikorrent jirrelata ma' assoċjazzjoni sabiex tiġi importata d-droga. Jgħid li dan ir-reat twieled meta sar il-ftehim. Isemmi li l-pakketti li kellhom jiġu importati kienu jaqbżu t-tletin kilogrammi (30kgs) li b'kollox kienu jikkontjenu madwar mija u ħamsin (150) blokka li skont hu juri li l-ftehim f'din l-assoċjazzjoni kien fuq kwantita konsiderevoli ta' droga. Dwar l-allegat rwol tar-rikorrent, l-Avukat Ġenerali jgħid li mill-investigazzjoni mertu tal-każ odjern jirriżulta li tali rwol kien wieħed prinċipali fis-sens li r-rikorrent kellu konnessjonijiet sostanzjali mas-sors oriġinali tad-drogi.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali u jekk tinstab ħatja teħel, għal kull reat
>
> […]."

Illi permezz tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġew stabbiliti linji gwida dwar kif l-Avukat Ġenerali għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu meta din tkun marbuta ma' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-istess linji gwida jistabbilixxu s-segwenti:

"Linji gwida għall-użu ta' diskrezzjoni

Dawn il-linji gwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar.

Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.

Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.

Ir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.

F'dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.

*Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;

- li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;

- li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;

- li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;

- li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;

- li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta l-akkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku.

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;

- li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;

- li l-akkużat kien motivat bil-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;

- li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;

- li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

- li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt id-direzzjoni ta' oħrajn;
- li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;
- li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;
- li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;
- li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;
- li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;
- li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali.

Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu*:

- in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;

- kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;

- l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;

- il-purità għolja tad-droga;

- li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;

- li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.

L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa, jistgħu jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:

herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma

*cannabis*: anqas minn 300 gramma

Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa."

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrent Rupert Busuttil tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fid-29 ta' Diċembru 2008 fejn ġie mixli, fost l-oħrajn, b'assoċjazzjoni sabiex tiġi ttraffikata d-droga kannabis. Jirriżulta

wkoll li fit-23 ta' Diċembru 2008 għal ħabta tat-8pm, Carmelo Borg, Paul Azzopardi u persuna terza telqu minn Malta permezz ta' *yacht*. Allegatament dawn il-persuni kienu sejrin lejn il-Libya sabiex iġibu lejn Malta kunsinna kannabis. Fis-27 ta' Diċembru 2008 allegatament Marvin Debono, Clinton Azzopardi u r-rikorrent Rupert Busuttil kienu jinsabu fl-inħawi tal-Imtaħleb. Jirriżulta li waslu hemm permezz ta' żewġ vetturi u meta beda jidlam id-dgħajsa li fuqha kien hemm Carmelo Borg u Paul Azzopardi bdiet riesqa lejn il-kosta u minn fuq dan il-*yacht* telaq *dinghy* fid-direzzjoni tal-Wied Miġrah Ferħa. Jidher li minn fuq id-*dinghy* tniżżlu xi affarijiet u li r-rikorrent Busuttil bil-għajnuna ta' oħrajn għabbihom f'vettura minnhom. Sussegwentement telqu u waħda mill-vetturi saqet l-ewwel u fiha kien hemm Clinton Azzopardi, waqt li l-vettura l-oħra li kienet misjuqa mir-rikorrent Busuttil kien fiha wkoll lil Carmelo Borg saqet it-tieni. Sadanittant l-akkużat l-ieħor Marvin Debono ħareġ bid-*dinghy* għal fuq id-dgħajsa. Jirrizulta li din id-dgħajsa ġiet interċettata mill-*patrol boat* tal-armata li kienet qed tassisti lill-Pulizija.

Illi mir-rapport tal-espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jiġu analizzati l-affarijiet li nqabdu mill-Pulizija jirriżulta li f'waħda mill-vetturi kien hemm 'il fuq minn tletin kilogramma (30 kg) (*a fol.* 153) maqsuma f'mija u wieħed u ħamsin blokka (151) (*a fol.* 152) li kienu ppakkjati bħal ma tkun ippakkjata l-kannabis. Iżda minn analiżi mwettqa mill-espert Godwin Sammut irriżulta li l-estratti meħuda mill-blokki ta' lewn aħdar ma nstabitx sustanza li hija kkontrollata bil-liġi.

Illi r-rikorrent Busuttil primarjament joġġezzjona għal fatt li tressaq quddiem il-Qorti Kriminali minħabba li l-affarijiet li allegatament inġiebu Malta permezz tal-*yacht* instabu li ma kienux sustanzi illeċiti u li għalhekk ma tirriżultax il-gravita' neċessarja sabiex huwa jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Jisħaq li huwa kellu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bil-benefiċċju li allura tkun tista' tapplika piena anqas oneruża.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li r-rikorrent Busuttil huwa akkużat, fost l-oħrajn, li assoċja ruħu biex jimporta sustanza illeċita. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dak li l-ewwel irid jiġi ndirizzat huwa proprju l-punt marbut ma' l-elementi neċessarji sabiex iseħħ ir-reat ta' assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga. Għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jindika l-parti tal-Kap tal-Att tal-Akkuża fejn jingħad li l-assoċjazzjoni tiskatta meta jkun hemm qbil dwar il-mezzi li sejrin jintużaw. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti fl-ebda mument ma hija qed tgħid li r-rikorrent Rupert Busuttil huwa ħati ta' dak li huwa ġie akkużat bih fl-Att tal-Akkuża in kwistjoni pero' dak li qed tgħid huwa li fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li s-sustanza maqbuda ma hijiex sustanza kontrollata huwa kważi rrilevanti minħabba li r-reat huwa l-ftehim sabiex tiġi importata tali sustanza.

Illi l-ammont ta' sustanza li kienet intiża li tiġi impurtata qabżet it-tletin kilogramma (30kg) li jirriżulta li hija ammont konsiderevoli li kellha tiddaħħal fil-gżejjer tagħna. L-ammont imsemmi huwa ferm akbar mill-ammonti ndikati fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-ħsara li kienet intiża li tiġi kkawżata lis-soċjeta' kienet konsiderevoli. Barra minn hekk, l-ammont tas-sustanza miġjuba bilfors kellha tnissel fil-persuna nvoluta aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali.

Illi rigward ir-rwol tar-rikorrent Busuttil, din il-Qorti tinnota li huwa kellu rwol fil-proċess ta' kif kellha tiddaħħal dik is-sustanza li nstabet. Dan jirriżulta wkoll mill-fatt li huwa kien qiegħed isuq il-vettura li kienet mgħobbija b'dak li sa dak il-mument kien maħsub li kienet kannabis. Di piu' jirriżulta li meta ġew imwaqqfa mill-Pulizija, ir-rikorrent Busuttil (li kien qed isuq waħda mill-vetturi) ipprova jaħrab billi saq bir-*reverse*. Minbarra dan, jingħad li r-rikorrent Busuttil kien ukoll responsabbli sabiex jorganizza x-xogħol ta' membri oħra fiċ-ċirku b'dana illi mix-xiehda mogħtija minn Clinton Azzopardi fis-7 ta' Jannar 2009 jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 108):

> "Rupert qalli biex noqgħod nieħu ħsieb jiġi xi ħadd, noqgħod fuq il-blat u hu u Marvin niżlu isfel."

Illi għalhekk ma jistax jingħad li r-rikorrent Busuttil ma kellux influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra fiċ-ċirku. Magħdud ma' dan jirriżulta, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li fir-rwol tiegħu r-rikorrent Busuttil kien qed jagħti direzzjonijiet lill-membri oħra u żgur ma pparteċipax f'din l-operazzjoni minħabba l-inġenwita' tiegħu. Tenut kont tal-ammont ta' pakketti nvoluti u tal-fatt li l-operazzjoni kienet qed issir wara li dalam u wara li kienu telqu t-terzi kollha mill-wied u minbarra l-fatt li huwa ordna li jkun hemm persuna li tara li ma jersaq ħadd, isegwi li r-rikorrent Busuttil kien jaf ben tajjeb id-daqs tal-operazzjoni u n-natura tal-operazzjoni.

Illi minbarra dan din il-Qorti hija tal-fehma li l-importazzjoni bil-baħar f'post appartat filgħaxija huma kollha elementi ta' sofistikazzjoni ntiżi mill-persuni nvoluti sabiex jippruvaw li tali operazzjoni ma tinkixifx.

Illi għalhekk tenut kont ta' dawn il-fatturi, l-element tal-purita' li f'dan il-każ kienet ta' *zero*, minħabba li s-sustanza ma kinitx sustanza projbita, minkejja li timmilita a favur tar-rikorrent hija wkoll ibbilanċjata mis-sofistikazjoni wżata.

Illi lanqas jista' jingħad li r-rikorrent Busuttil b'xi mod ikkollabora mal-Pulizija stante li meta ġie affaċjat bihom huwa pprova jaħrab tant li saq il-vettura in kwistjoni bir-*reverse* u l-Pulizija kellhom jisparaw fil-magna tal-vettura sabiex iwaqqfuh.

Illi għal kull buon fini ssir riferenza għal digriet mogħti fit-28 ta' Lulju 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Cachia** (Numru 12/2022 – Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera) u għal digriet ieħor mogħti fit-23 ta' Ottubru 2024 wkoll minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Cachia** (Numru 25/2022 – Onor. Imħallef Natasha Galea Sciberras), f'liema digrieti msemmija l-Qorti msemmija ordnat li l-akkużati in kwistjoni jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dwar dawn iż-żewġ digrieti din il-Qorti tinnota li l-fattispecie dwarhom huma kompletament differenti

għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti u ma jsibu l-ebda applikazzjoni għal dan il-każ. In fatti fid-digriet tat-28 ta' Lulju 2022 hawn fuq imsemmi, ingħad hekk:

> "Din il-Qorti tinnota illi minkejja l-fatt li l-Avukat Ġenerali isemmi l-ammont ta' għaxar (10) kilos kannabis, dan ma jaffigura mkien mill-atti. Oltre minn hekk jidher illi l-Prosekuzzjoni qegħda temmen lill-akkużat fil-verżjonijiet tiegħu speċjalment rigward l-involviment tiegħu u dan stante li kienet iddikjarat[1] li l-akkużat jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma kienitx tiddikjara dan kieku ma kienitx qegħda temmen lill-akkużat f'dak li qal, inkluż fejn dan qed jiċħad l-involviment tiegħu mal-ixkora tas-siment u l-ħamsin (50) sapuna li allegatament kien hemm fiha."

Illi fid-digriet l-ieħor ossia dak mogħti fit-23 ta' Ottubru 2024 fl-ismijiet fuq premessi, ingħad is-segwenti:

> "Madankollu, f'dan il-każ, mill-atti kumpilatorji ma tirriżultax l-kwantita' speċifika ta' droga li ġiet moħbija fir-razzett ta' Paul Cachia ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa."

Aktar tard, fl-istess digriet jingħad hekk:

> "Għaldaqstant, għall-fini tal-linji gwida ndikati fir-Raba' Skeda, din il-Qorti tqis illi s-sehem tal-akkużat f'dan l-uniku episodju li għalih issir referenza fl-atti proċesswali, kien wieħed tassew minuri, minimu għall-aħħar u limitat, bl-akkużat jaġixxi taħt id-direzzjoni ta' oħrajn u taħt pressjoni fid-dawl tal-insistenza ta' missieru illi kellu bżonn il-flus għall-kura ta' ommu. Lanqas ma jirriżulta illi l-akkużat kellu xi influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku, jew illi kellu xi għarfien rigward l-operazzjoni jew il-kobor tagħha, u finalment lanqas ma

[1] "Issir riferenza għax-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg *a fol.* 497 tal-proċess."

> għamel jew kien se jagħmel gwadann finanzjarju mill-istess reat. Ma' dan il-Qorti tqis ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara wkoll illi l-akkużat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi kkollabora bis-sħiħ mal-Pulizija.[2]"

Illi, kif diġa' ngħad, minn dak ċitat hawn fuq jirriżulta li s-sitwazzjonijiet ma humiex simili għal dan il-każ li jinsab quddiem din il-Qorti u b'hekk din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod issegwi dak li ngħad fiż-żewġ digrieti in kwistjoni.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li t-talba tar-rikorrent Rupert Busuttil hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur għandha tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrent Rupert Busuttil kif kontenuta fir-Rikors tiegħu ppreżentat fis-26 ta' April 2024 bil-konsegwenza li l-imsemmi Rupert Busuttil għandu jiġi ġudikat mill-Qorti Kriminali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[2] "Ara *a fol.* 37 tal-atti proċesswali."